ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż dwar talba skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE

Talba mingħand entità kontraenti — estensjoni tal-iskadenza

(2016/C 301/04)

Fit-2 ta' Frar 2016, il-Kummissjoni rċeviet talba skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE [1]. L-ewwel jum tax-xogħol wara l-wasla tat-talba huwa t-3 ta' Frar 2016.

Din it-talba qed issir minn Vapo Oy u tikkonċerna l-attivitajiet marbuta mal-isfruttament ta' żona ġeografika għall-finijiet tal-estrazzjoni tal-pit tal-fjuwil fit-territorju tal-Finlandja. L-avviż rilevanti ġie ppubblikat fil-paġna 9 tal-ĠU C 96 fil-11 ta' Marzu 2016. L-iskadenza inizjali kienet it-12 ta' Awwissu 2016.

B'konformità mar-raba' subparagrafu tal-ewwel paragrafu tal-Anness IV tad-Direttiva 2014/25/UE, l-iskadenza tista' testendiha l-Kummissjoni bil-kunsens ta' dawk li qed jitolbu l-eżenzjoni kkonċernata. Minħabba li hemm bżonn tinkiseb u tiġi analizzata aktar informazzjoni, u bil-kunsens tal-applikant, il-perjodu disponibbli għall-Kummissjoni biex tiddeċiedi fuq din it-talba qed jiġi estiż b'44 jum tax-xogħol. Għalhekk l-iskadenza finali hija l-14 ta' Ottubru 2016.

[1] ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243.